Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- TNEJN u ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tlieta, 23 ta' Diċembru 2014

**Ħin:** Mid-9am sal-10.05 am

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Wieħed u Ħamsin laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li fl-aħħar paragrafu ta' *Item 8* jitneħħa l-kliem *ħaxix ħazin* u minfloku jitnizzel *pjanti li huma għoljin wisq u qegħdin fin-nofs*. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq il-karozzi pparkjati fuq il-bankina quddiem Kola Store.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurmaħ li l-pjanti ntbgħatu Transport Malta u qed nistennew l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq l-*overgrown trees*.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurma li wara li jgħaddu l-festi, xi ħaddiema tal-ELC ser jagħmlu dan ix-xogħol ta'zabra.

## 3. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4439**: MEMO 30/2014- Spazji Pubbliċi/Zoni Miftuħa. Id- Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda ezerċizzju sabiex tinġabar informazzjoni għall-ippjanar aħjar ta' dawn iz-zoni miftuħa.

**Ittra Nru 4534**: MEMO 33/2014- Talbiet minn Ministeri jew Entitajiet Governattivi

**Ittra Nru 4539**: MEMO 34/2014- Aġġornamenti tal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali

**4 <u>Aġġudikazzjoni tat- Tender BLC 5/14- *Supply and Installation of CCTV Sytems*</u>**

Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tar-rapport tekniku mħejji mill- Inġinier Johan Aloisio fuq l-offerti li ntefgħu. Kopja ta’ dan ir-rapport ingħatat lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel li jagħzel it-tieni l-aħjar offerta ta’ Alarmtech Ltd li tammonta għas-somma ta’ € 13,119.24 peress li l-aħjar offerta ma kienitx konformi ma’ dak mitlub fid-dokumenti tat-Tender.

**5. <u>Aġġudikazzjoni tat- Tender BLC 6/14- *Collection of Mixed Household Waste*</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi ta’ l-offeri li ntefgħu fir-rigward ta’ l-offerti għal-Ġbir ta’ Skart, skeda li turi aktar dettalji dwar l-offerta, skeda ta’ Evalwazzjoni u dokument estratt mid-dokumenti ta’ l-offerta dwar *evaluation criteria* (mehmuza). Kopja tad-dokumenti msemmija ngħatat lill-kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku, is- Sur Joe Galea ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fejn qal li l-aħjar offerta li għandu quddiemu l-Kunsill li hija ta’ Waste Collection Ltd huwa għandu f’idejħ informazzjoni li ġewwa z-Zejtun fejn din il-kumpanija għandha kuntratt simili mal-Kunsill Lokali ta’ hemmhekk twaqqaf milli jkompli dan ix-xogħol minħabba servizz ħazin li kien qed jingħata.

Għalhekk huwa qed jitlob li qabel wieħed jieħu deċizjoni ikollu f’idejħ l-informazzjoni kollha ta’ x’wassal biex il-kuntratt ġie terminat.

Il-Kunsill talab lis- Segretarju Ezekuttiv biex jikteb lill-Kunsill Lokali taz- Zejtun fejn tintalab informazzjoni ulterjuri ta’ x’wassal lill-Kunsill jieħu din id-deċizjoni.

**6. <u>Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ Petty Cash</u>**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-23 ta’ Diċembru 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 116,236.24

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda lista ta’ depoziti fuq krenijiet li ma ġewx miġbura lura mis- sidien u għadhom pendenti. Id- Dipartiment għall-Gvern Lokali bgħat jinfurmana li fuq suġġeriment li kienu għamlu l-Awdituri fil-*Management Letter* biex issir *write-off* ta’ dawn, qed jgħati l-approvazzjoni għal dan.

Il-Kunsill unanimament qabel li dawk id-depoziti li ma’ ġewx miġbura sas-sena 2010 issir *write-off* tagħhom.

**7. <u>Komunikazzjoni tas- Sindku</u>**

Is- Sindku infurma lill-Kunsill li saret laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur Dimbros Ltd biex tinħareġ iċ-ċertifikazzjoni tat-triq Guze Bonnici fuq xogħolijiet li saru ta’ rikostruzzjoni u asfaltar u b’hekk ikun jista’ jsir il-ħlas finali lill- kuntrattur. Dawn ix-xogħolijiet fi Triq Guze Bonnici swew lill-Kunsill s-somma ta’

€99,455.06 inkuz xi patching li sar fi Triq Balaguer. Dawn il-flus intefqu kollha mill-fondi tal-Kunsill li kien kapaci jġemma matul s-snin. Huwa qal li kif kulħadd qed jara',meta wieħed jieħu in kunsiderazzjoni l-allokazzjoni li jkollu l-Kunsill kull sena għal-xogħolijiet ta' manutenzjoni fit-toroq li jammontaw għal madwar € 40,000, il-Kunsill għandu idejħ marbutin ta' wieħed x'jista' jagħmel għax l-ispejjez kull sena qed jizdiedu.

Is- Sindku qal li s-sena d-dieħla ser isiru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u qed jawgura li dawk kollha li ser jerġaw jikkuntestaw u ser jiġu eletti, biex jaħdmu għal ġid tal-lokalita'. Huwa mhux ser jerġa jikkontesta wara tmientax il-sena servizz li ta' lill-komunita ta' Ħal Balzan.

Huwa talab lis- Segretarju biex kemm jista jkun mill-allokazzjoni ta' din is-sena sakemm tiġi l-elezzjoni, naraw kif ser jintefqu l-flus kull tlett xhur biex dawk li jiġu warajna ikollhom fondi bizzejjed biex jaħdmu.

Is- Sindku awgura l-festi t-tajba lill-kullħadd.

**8**. **<u>Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' talab lill-Kunsill biex issir laqgħa formali mal-Kappillan il-ġdid ta' Ħal Balzan. Mons. Karm Farrugia.

Il-Kunsillier Guido Borg talab lill-Kunsill biex quddiem 29, Triq Santa Marija issir bankina.għax ma hemx.

Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma li huwa inħatar membru ta' l-*istanding committee* tal-LEAP waqt laħħar laqgħa li saret.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2015 fl-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. John Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data